# FRANS CARUANA, WIEĦED MILL-EWWEL MEMBERI TAL-GĦAQDA

**Eleanor Muscat**

Din kienet l-ewwel darba li ltqajt ma' Frans Caruana u mall-ewwel laqatni l-mod kwiet tiegħu. Bil-qiegħda għall-frisk madwar il-mejda tal-kċina tad-dar Frans ħadni lura fi żmien li ma nafx u li qatt ma esperjenzajt imma lilu fakkru memorji nostalġiċi tal-Mellieħa ta' dari.

Imwieled u mrobbi fil-Mellieħa tal-għoxrinijet Frans, bħal ħafna Melleħin, kien jgħin fir-raba' tal-familja u kien ukoll jagħti daqqa t'id fil-knisja sakemm fl-1963 daħal messaġġier mal-Gvern. Minn ċkunitu deher li kien miġbud lejn il-mużika u beda billi tgħallem idoqq il-piccolo mingħand il-kuġin tiegħu Tony Bartolo fil-Każin La Vittoria. Wara tgħallem il-flawt u ta' 12-il sena daqq għall-ewwel darba fil-pjazza tal-Parroċċa waqt kunċert mall-banda La Vittoria. Baqa' jdoqq għal 62 sena sħaħ kemm mal-Banda La Vittoria kif ukoll mall-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. L-ewwel flawt li daqq bih kien issellfu mingħand Carmel DeBono, ħu Dun Mose' DeBono, kien flawt franċiż bl-isem Emperor flawt b'sistema differenti minn dak ta' llum. Wara dan kien idoqq flawt li nxtara mill-Każin La Vittoria. L-aħħar flawt li daqq bih Frans xtrah hu stess tletin sena ilu għal Lm120 mingħand Carabott ta' Triq il-Merkanti, Valletta. Illum dan il-flawt qed jitgawda min-neputi tiegħu stess li mexa wara l-passi ta' nannuh.

**Kif bdiet l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina**

Bl-idea tas-Sur Joseph Muscat, li jiġi ħu l-mara ta' Frans u ta' numru ta' fundaturi oħra saru diskussjonijiet ma' Mons. Xuereb, il-kappillan ta' dak iż-żmien, sabiex il-grupp ta' madwar 30 mużiċisti u kantanti Melleħin jibdew jagħtu sehemhom waqt il-quddies tal-Milied. Kienet is-sena 1946 meta indaqqet il-quddiesa ta' Perosi, Te Deum Laudate. Is-sena ta' wara twaqqfet uffiċċjalment l-għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Ix-xogħol mar sew u l-Għaqda tat sehemha ukoll fin-noveni kollha tal-Festa ta' Maria Bambina u għall-festa tas-Santwarju, ta' dik is-sena, festi li l-Għaqda għadha tagħti sehemha fihom sal-ġurnata tal-lum. Waqt il-funzjonijiet fil-Knisja Parrokjali, il-kant u d-daqq kien isir fuq fil-gallarija u mhux wara l-artal kif isir illum waqt li għall-festa tas-Santwarju kien isir ġewwa fil-gallarija. Il-provi kienu jsiru daqs erba' darbiet f'ġimgħa ġewwa l-kmamar tas-Santwarju u mhux l-ewwel darba li kienu jibqgħu sejrin sal-għaxra ta' bil-lejl. Frans jiftakar ukoll fid-diversi kunċerti tal-Milied li taw f'bosta lukandi kemm fil-Mellieħa u f'postijiet oħra.

Frans jirrakkonta li l-akbar diffikulta` kienet in-nuqqas ta' vjolinisti fl-orkestra u ma ninsewx li dawn kienu kollha Melleħin fosthom Karmnu l-Captain, Dun Mose' DeBono, Toni Sultana u Karmnu Vella. Dak iż-żmien in-nisa ma kinux jitgħallmu strumenti għalhekk aktar diffiċli biex issib min idoqq. Għall-bidu li bdiet l-Għaqda ma kellhomx kuntrabaxx għalhekk kienu jissellfu wieħed mill-Każin La Vittoria għal 50ċ u kien jindaqq minn Joseph Gauci. Il-mezzi ta' komunikazzjoni fl-imgħoddi ma kinux bħal tal-lum u mhux l-ewwel darba li kien ikollhom imorru jħabbtu l-bieb ta' xi mużiċist f'nofs ta' lejl biex javżawh li l-għada hemm funeral biex jiġi jdoqq speċjalment jekk dan kien ikun minn barra l-Mellieħa u dan ħafna drabi għall-ebda ħlas.

B'ħarsa nostalġika u b'nofs tbissima Frans jirrakkonta din l-esperjenza:

"Il-Kappillan Xuereb kien ħallielna għad-dispożizzjoni tagħna l-karozza tiegħu Fiat 1100, kien lejlet il-Milied u jien kelli mmur għal Toni Attard li kien joqgħod il-Mosta biex idoqq magħna waqt il-quddies ta' nofs il-lejl. Mela x'ħin wasalt lejn Għajn Rihana fl-akwati bejn Burmarrad u l-Mosta nsib it-triq magħluqa b'ġebel qisu tas-sejjieħ. Inżilt mill-karozza fi dlam ċappa għax dak iż-żmien lanqas dawl fit-toroq ma kien hawn u kont ser nibda ninkwieta għax il-ħin kien qed jagħmel ġmielu. X'ħin minn qalb is-siġar feġġ raġel u qalli li dik il-barrikada ġebel ma kinitx għalija u b'hekk neħħejna ftit minnu bizzejjed biex tgħaddi l-karozza u bqajt sejjer fi triqti. Wara li rikkibt lil Toni għaddejna miż-Żebbiegħ u wasalna eżatt fil-ħin qabel bdiet il-quddiesa."

Il-Kumitat u l-Membri tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina jixtiequ jirringrazzjaw lill-familja Caruana talli laqgħu l-istedina sabiex din l-intervista setgħet issir. Nawguraw lis-Sur Frans Caruana u lill-mara tiegħu Anġla xewqat sbieħ għas-60 sena ta' żwieġ li ser jagħlqu f'Ottubru li ġej.

